MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 280/2006/1

**Italian Image Co. Ltd**

**vs**

**Tourist Services Ltd**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta' Gunju, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza *in parte* fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz fuq indikat datat l-20 ta' Settembru tas-sena 2006 li permezz tieghu s-socjeta' attrici harrket lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas is-somma ta’ tlett elef disa’ mija u erbatax-il Lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu, (LM3914.51,0), oltre l-imghax legali rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovut ghall-prezz ta’ merkanzija u materjali formiti lill-kampanija konvenuta kif ukoll ta’ xoghol ta’ tqeghid u ta’ nstallazzjoni ta’ l-istess merkanzija u materjal maghmula mill-kumpanija attrici fuq struzzjonijiet ta’ l-istess socjeta konvenuta fl-istabbilimenti St. George’s Park u Penthurst Apartments gewwa San Giljan;

2. Bl-ispejjez kontra l-kumpanija konvenuta, inkluz ta’ l-ittra ufficcjali ta’ nhar it-2 ta’ Gunju tas-sena 2006, u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju prezentata kontestwalment ma’ dan ir-rikors, u bl-ingunzjoni tas-socjeta’ konvenuta in subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta datata l-11 ta’ Ottubru tas-sena 2006 li permezz taghha l-istess socjeta’ konvenuta eccepiet is-segwenti;

1. Illi preliminarjament l-azzjoni hija perenta ai termini ta’ l-artikolu 2048 (a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, is-somma mitluba ma hijiex dovuta ghaliex l-attrici naqset tlesti x-xoghol qabel l-istagun turistiku li jibda f’Mejju/Gunju tas-sena 2004 sabiex ma jkunx hemm inkonvenjent ghat-turisti u sahansitra naqset tirrimedja d-difetti fix-xoghol ammessi minnha liema xoghlijiet rimedjali kellhom fic-cirkostanzi jigu kompletati mill-impjegati ta’ l-eccipjenti Prospett ta’ korrispondenza hawn annessa bhala Dokument TSL1;

3. Illi ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

Rat ir-rikors tas-socjeta' konvenuta datat it-23 ta' Novembru tas-sena 2006 li permezz tieghu l-istess socjeta' talbet korrezzjoni fis-sens li l-artikolu minnha citat fl-ewwel eccezzjoni taghha jigi korrett billi jigi sostitwit minn dak minnha ndikat fl-istess rikors;

Rat id-digriet taghha datat is-27 ta' Novembru tas-sena 2006 fejn permezz ta' l-istess laqghet it-talba;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet u rat in-nota tas-socjeta' attrici u tas-socjeta' konvenuta fir-rigward;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti sollevati jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta' attrici qed tippretendi l-hlas ta' l-ammont minnha ndikat fir-rikors promotur mis-socjeta' konvenuta peress li ssuplietha b'materjal, merkanzija u servizzi varji ghall-perjodu ta' madwar sena;

2. Illi jirrizulta wkoll li effettivament il-modum fornit lis-socjeta' konvenuta kien ukoll imqieghed minnha stess;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta' konvenuta qed tirrespingi t-talbiet attrici u ssostni li m'ghandha taghti xejn lil din is-socjeta' li qed tippromwovi dawn it-talbiet;

Ikkunsidrat:

Illi in effetti din hi sentenza preliminari limitata ghall-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta;

Illi permezz ta' din l-eccezzjoni preliminari qed jigi allegat li gialadarba ghadda l-perjodu ta' tmintax-il xahar ta' inattivita' processwali legali fis-sens ampju taghha da parti tas-socjeta' attrici, allura l-azzjoni odjerna hi preskritta;

Ikkunsidrat:

Illi li jirrizulta f'din l-azzjoni hu biss li rapprezentant tas-socjeta' konvenuta iddepona u informa lill-qorti li s-socjeta' tieghu m'ghandha taghti xejn lil dik attrici;

Illi ovvjament hu principju assodat fil-procedura odjerna li "min jallega jrid jipprova";

Illi hawn si tratta t'allegazzjoni ta' preskrizzjoni limitata bit-terminu ta' tmintax-il xahar;

Illi pero', x-xhieda prodotta mis-socjeta' konvenuta ma jindirizzax din il-problematika u allura ma jistax jipprovha;

Ghaldaqstant din il-qorti tirrespingi l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta u tordna l-progsegwiment tal-kawza, bl-ispejjez rizervati.**"**

Is-socjeta` konvenuta tikkontesta din is-sentenza ta' l-ewwel Qorti bl-aggravji f' dan is-sens:-

(i) L-ewwel Qorti ma kellhiex tinverti fuqha l-oneru tal-provi;

(ii) Ukoll, dik l-istess Qorti naqset milli tikkonsidra l-provi processwali ta' naha u ta' ohra u li kienu jsostnu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnha sollevata;

Fir-risposta ta' l-appell taghha s-socjeta` attrici tikkwerela in linea preliminari n-nuqqas ta' konformita da parti ta' l-ewwel Qorti mad-dispost ta' l-Artikolu 231 tal-Kapitolu 12. Hija tikkontendi illi l-awtorizzazzjoni mill-Qorti ghalbiex is-socjeta` konvenuta setghet tappella minn sentenza in parte kellha ssir permezz ta' provvediment "bil-miftuh" u mhux b' digriet kamerali. Jigi notat illi filwaqt li s-socjeta` attrici tillimita ruhha biex tirregistra l-protest taghha ghal din l-inottemperanza mad-dettam tal-ligi, ma talbetx ukoll, imbaghad, illi din il-Qorti tinvesti l-konsegwenzi guridici li jitnisslu minn tali inosservanza;

Ragonevolment, la l-attenzjoni tal-Qorti giet mis-socjeta` attrici appellata attirata ghal mod irregolari li bih gie moghti l-provvediment ta' l-awtorizzazzjoni rikjesta ghall-appell, din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha u tghaddi 'l quddiem biex tistharreg il-merti ta' l-aggravji mqanqla daqslikieku l-pregudizzjali ma tqajmetx. Jew li hu aghar, li tinjora d-disposizzjoni procedurali regolatirci u, leggerment, tammetti illi certa procedura dixxiplinarja prefissa mil-legislatur tigi sostitwita b' ohra;

Premess dan, jinsab dispost fil-proviso ghall-Artikolu 231 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili illi l-permess ghalbiex parti sokkombenti tkun tista' tappella minn sentenza parzjali qabel is-sentenza definittiva jrid jinghata fil-qorti "<u>bil-miftuh</u>". L-interpretu mill-ewwel jifhem illi dan ir-rekwizit tal-ligi mhux wiehed sempliciment kapriccjuz izda jassorbi fih zewg ghanijiet prattici importanti hafna. Dak generali tal-pubblicita`. Dak partikulari fejn il-parti interessata tkun edotta mill-awtorizzazzjoni, kemm ghax tkun fizikament prezenti fl-udjenza, jew xort' ohra rapprezentata, kemm jekk setghet kienet prezenti. Hemm raguni wisq ovvja ghal dan. L-imsemmi proviso jissokta jipprovdi illi t-terminu legali ghall-prezentata ta' l-appell jibda jghaddi "<u>mill-jum minn meta jinghata dak il-permess fil-qorti bil-miftuh</u>". Wiehed,

imbaghad, ma jridx lanqas jinsa illi tali terminu hu perentorju;

Titwila, anke superficjali, lejn l-atti tal-process tiddemostra li tali rekwizit indispensabbli ghar-raggungiment ta' l-iskop tieghu hu karenti. Di fatti, ma jirrizultax illi l-permess ghall-appell inghata mill-Qorti waqt seduta "bil-miftuh". Anzi, l-indikazzjonijiet huma li dan inghata kameralment. Is-sentenza parzjali giet pronunzjata fis-6 ta' Gunju, 2007 u skond il-verbal a fol. 103 il-kawza giet differita ghas-17 ta' Ottubru, 2007 ghall-provi tas-socjeta` attrici. Is-socjeta` konvenuta pprezentat ir-rikors taghha biex tkun awtorizzata tappella fil-11 ta' Gunju, 2007 u l-ewwel Qorti laqghet din it-talba b' digriet tat-18 ta' Gunju, 2007. F' din id-data ma kien hemm ebda udjenza u minn imkien ma jirrizulta li l-kawza giet rikjamata. Lanqas, fil-minimu, ma jirrizulta mid-digriet innifsu li dan kellu jigi komunikat lill-partijiet. Jidher evidenti, allura, li l-procedura segwita mill-ewwel Qorti kienet wahda irritwali. Dan, ankorke, il-permess inghata skond il-forma appartenenti ghad-digrieti minn Qorti u hu dotat minn *vis decisoria*;

Jista' forsi jigi objettat illi la s-socjeta` konvenuta saret taf bid-digriet moghti, anke jekk kamerali, fiz-zmien utli ghall-appell, il-fatt li ma nghatax "bil-miftuh" ma ghandu jgorr ebda konsegwenzi serji. Issa apparti l-fatt li dan hu hekk fil-kaz konkret, din il-Qorti ma tarax ghaliex, in linea ta' principju, ghandha taccetta u tinkoragixxi certa anarkija procedurali fejn il-permess hekk moghti ghandu jiswa, anke jekk ma jinghatax f' udjenza "bil-miftuh". Bizzejjed wiehed jahseb fil-konsegwenzi ghall-parti sokkombenti li tkun talbet simili permess u ma jkollha ebda konoxxenza ta' l-awtorizzazzjoni li tkun inghatat kameralment, jew dan issir taf bih tardivament meta z-zmien ghall-appell ikun gja ghadda;

Jikkonsegwi minn dan kollu, fil-fehma tal-Qorti, illi la l-provvediment moghti mill-ewwel Qorti mhux skond ir-rit dettat fl-Artikolu 231 (1) tal-Kapitolu 12 l-istess ghandu

jitqies null bil-konsegwenti nullita` ta' l-atti successivi li saru bis-sahha tieghu. Kif kellha okkazjoni tesprimi ruhha l-Qorti ta' l-Appell Civili fil-kawza "**Giuseppe Dalli *et* -vs- Michael Attard**", 24 ta' Marzu, 1961, trattasi minn esplorazzjoni approfondita in tema ta' digrieti interlokutorji li kellhom jinghataw "bil-miftuh", "il-Qorti ma jidhrilhiex li dan hu difett ta' semplici forma, li ghalih jista' jkun applikat l-Artikolu 792 (c) [illum Artikolu 789 (c)] tal-Kodici ta' Procedura";

F' dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax tokkupa ruhha mill-mertu ta' l-aggravji u tat-twegibiet ghalih, anke jekk *en passant* ma tistax ma tosservax dwar l-inutilita` li jigi permess appell minn decizjoni parzjali li tkun cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, meta dan ma jgib ebda pregudizzju immedjat lill-parti li ssollevat il-preskrizzjoni opposta, una volta din dejjem tista' tqajjem eccezzjoni konsimili "mqar fl-appell" (Artikolu 2112, Kodici Civili).

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddeciedi illi d-digriet moghti mill-ewwel Qorti li awtorizza li jsir appell minn sentenza in parte hu irritwali billi ma nghatax f' udjenza "bil-miftuh" skond l-Artikolu 231 (1), Kapitolu 12. Tastjeni fic-cirkustanzi u ghal din ir-raguni milli tiehu konjizzjoni tal-mertu ta' l-appell u tordna li l-atti jigu trasmessi lura lill-ewwel Qorti biex din tiehu konjizzjoni tar-rikors tas-socjeta` konvenuta tal-11 ta' Gunju, 2007 u tiddisponi minnu skond il-ligi u dawk tal-konsiderazzjonijiet f' din is-sentenza maghmula. L-ispejjez tal-prezenti appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------